# Lezzjoni 9.1: Għandi X'Nagħtik

*Skript tal-Audio Files*

**Miriana:**

Il-ġurnata t-tajba! Jiena Miriana u għandi disa' snin. Fil-familja tiegħi qegħdin erbgħa: ommi, missieri, jiena u ħija li għandu erba' snin. Missieri jaħdem f'uffiċċju waqt li ommi hija għalliema. Meta tiġi d-dar ikollha ħafna x'tagħmel: issajjar, taħsel il-ħwejjeġ u tipprepara x-xogħol għall-iskola. Tgħidx kemm tkun għajjiena filgħaxija!

Mal-familja tiegħi ninsab kuntenta ħafna, għalkemm xi drabi nispiċċa jkolli xi ngħid ma' ħija ż-żgħir. Nixtieq li fil-familja nibqgħu magħqudin bejnietna, imma nifhem ukoll li biex dak iseħħ kulħadd irid jagħti sehmu, inkuża jien.

**Matthias:**

Kif intom? Jiena Matthias u għadni kemm għalaqt għaxar snin il-ġimgħa li għaddiet. Din is-sena qiegħed fil-Year 5. Fil-klassi qiegħed għal qalbi ħafna għax għandi ħafna ħbieb. Uħud minnhom ilhom miegħi mill- Year 1. L-għalliem li għandna din is-sena tgħidx kemm hu minn tagħna. Jagħmlilna lezzjonijiet veru interessanti. Ta' spiss jaqsamna fi gruppi waqt il-lezzjonijiet biex naħdmu fuq xi attività jew xi proġett flimkien. Jien nieħu gost naħdem fi grupp għax inħoss li nitgħallem aktar. Xi drabi mal-grupp li nkun naħdem tajjeb ħafna, imma ġieli kont fi gruppi fejn stajna ħdimna ħafna aħjar. Meta jiġri hekk ix-xogħol ma tantx joħroġ kif inkun nixtieq!

**Luca:**

Kollox sew? Skużawni jekk ninsab daqsxejn bla nifs imma għadni kemm wasalt mit-trejning tal-futbol. Għada għandna logħba importanti ħafna! Jiena Luca u kif forsi ndunajtu nħobb ħafna l-futbol. Barra li nħobb nilgħab il-futbol nieħu gost nara xi logħba akkanita fuq it-televixin speċjalment meta jilgħab it-tim favorit tiegħi. Jiena nattendi n-*nursery* tal-futbol tar-raħal tiegħi u tgħidx kemm jien għal qalbi. Ħafna minn sħabi tal-iskola jiġu hemmhekk ukoll u għalhekk ikollna ċans niltaqgħu barra l-ħin tal-iskola. Il-kowċ tagħna tgħidx kemm hu ddixxiplinat u dejjem jinsisti magħna li mmorru  għat-trejning u nagħmlu ħilitna kollha biex it-tim tagħna jimxi 'l quddiem!

**Martina:**

Ħelow! Jiena Martina u għandi disa' snin. Ma tantx nista' ndum inkellimkom għax minn hawn u ftit ieħor il-mama' trid twassalni għal-lezzjoni tad-drama. Mindu kont għadni żgħira kont inħobb nirreċta ħafna u għalhekk il-mama' bdiet teħodni għal-lezzjonijiet tad-drama. Hemmhekk nitgħallmu ħafna affarijiet interessanti u barra minn hekk dejjem nagħmel ħbieb ġodda. Bħalissa qed nippreparaw biex intellgħu reċta bil-Malti. Qed niltaqgħu aktar ta' spiss biex inkunu ppreparati tajjeb. F'din ir-reċta għandi parti prinċipali u tgħidx kemm jien eċitata. L-għalliema tad-drama jinsistu magħna biex ma nfallux għal xejn b'xejn għax inkella r-reċta ma toħroġx tajba. Jien qed nipprova nagħmel ħilti kollha  biex dak inhar naqta' figura tajba.